

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2009 — Wenig vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-80/08) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura dixxiplinarja — Sospensjoni ta' uffiċjal — Tnaqqis mill-paga — Allegazzjoni ta' nuqqas serju — Drittijiet tad-difiża — Kompetenza — Nuqqas li tiġi ppubblikata delega ta' poteri — Nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att ikkontestat)

(2010/C 24/138)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Fritz Harald Wenig (Woluwé-Saint-Pierre, il-Belġju)  
(rappreżentanti: G.-A. Dal, D. Voillemot, D. Bosquet u S. Woog, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi lir-rikorrent u li tordna t-tnaqqis ta' EUR 1 000 fix-xahar mill-paga tiegħu.

**Dispożittiv**

- (1) Id-deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2008 li permezz tagħha l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, skont l-Artikoli 23 u 24 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, issospendiet lil F. H. Wenig għall-perijodu indeterminat u ordnat it-tnaqqis ta' EUR 1 000 fix-xahar mill-paga tiegħu għal perijodu massimu ta' sitt xhur hija annullata.
- (2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tal-kawża prinċipali.
- (3) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha fil-proċeduri ta' miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 313, 06.12.2008, p. 59

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2009 — Voslamber vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-86/08) <sup>(1)</sup>

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sigurtà soċjali — Skema konġunta għall-assigurazzjoni kontra l-mard — Konjuġi ta' ex uffiċjal — Kompetenza limitata — Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-kopertura tar-riskji marbuta mal-mard)

(2010/C 24/139)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Dietrich Voslamber (Freiburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Thielen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Lulju 2008, li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal kopertura primarja tal-konjuġi tiegħu taħt l-assigurazzjoni kontra l-mard skont l-Iskema konġunta għall-assigurazzjoni kontra l-mard tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) It-talbiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej imressqa skont l-Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura huma miċħuda.
- (3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatl, minbarra l-ispejjeż tagħha, żewġ terzi mill-ispejjeż ta' D. Voslamber.
- (4) D. Voslamber għandu jbatl terz mill-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 327, 20.12.2008, p. 43